**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 13**

**Avviz. numru 903/01JR**

**Aquatess Limited**

**vs**

**Stephen Bondin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Settembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2001, 15 ta' Frar,**

**2001, 15 ta' Marzu, 2001, u 11 ta' Mejju, 2001, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija fuq mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00) mit-22 ta' Jannar, 2001 sal-hlas effettiv, inkluz ghaxar liri konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Renato Cefai ghas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija hamsa u erbghin lira Maltija (Lm145.00), bl-imghax legali mit-22 ta' Jannar, 2001 sal-hlas effettiv.**

**Dwar l-ispejjez, kif gja gie ritenut f'kazi simili a tenur ta' l-Artikolu 10(2) ta' l-Att V ta' l-1995, it-talba ghall-hlas ta' ghaxar liri ghall-konsult ma tistax tigi akkolta, filwaqt li dwar l-ittri ufficjali ma kienx hemm in-necessita` ta' erba' ittri ufficjali f'perjodu ta' hames xhur, izda zewg ittri ufficjali kienu sufficjenti fic-cirkostanzi.**

**Ghalhekk il-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, kif ukoll l-ispejjez ta' l-ittri ufficjali tat-22 ta' Jannar, 2001, u tal-11 ta' Mejju, 2001.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**